# KURŻITAJIET
## (MILL-ARKIVJU PARROKJALI)

### 50 SENA ILU
### TNEĦĦIET IS-SIĠRA TAL-AWRIKARJA MILL-PJAZZA.

Ħamsin sena ilu, preċiżament nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 1971 għall-ħabta tal-11.00am kienet tneħħiet is-siġra l-kbira tal-awrikarja li kienet tinsab fil-pjazza prinċipali tax-Xewkija. Minflokha kienet ġiet ippjanata latrina li fil-fatt saret.





### 70 SENA ILU

Fit-2 ta' April 1951, ir-Reġina Elizabetta (dakinhar kienet għadha prinċipessa) flimkien ma' żewġha Filippu, Duka ta' Edinburgh (li ħalliena propju fid-9 t'April 2021) għamlu żjara fix-Xewkija. Kien għall-ħabta tal-10.45am meta waslet ix-Xewkija. Hi għaddiet minn Triq San Bert, minn Pjazza San Ġwann Battista u minn Triq Race Course (illum Triq Indipendenza). Hemm ingħatat merħba mill-Arċipriet u l-kleru, mit-tfal subien u bniet tal-iskola u mill-poplu Xewki. Merħba li kienet tant apprezzata tant li wara l-Arċipriet Grech kien irċieva din l-ittra ta' radd il-ħajr.

Villa Guardamangia Pietà, Malta,
4th April 1951

*Dear Archpriest Grech,*
*I am directed by the Princess Elizabeth to thank you so much for the lovely bouquet which you presented Royal Highness during her visit to Gozo on the 2nd April.*
*The Princess was delighted to receive these really beautiful flowers and has asked me to thank you once again for your kindness in wishing to give them to her.*

Yours sincerely
A. Tgendon
Lady in Waiting

Tajjeb insemmu li r-Reġina reġgħet żaret ir-raħal tagħna fis-7 ta' Mejju 1954 u fl-14 ta' Novembru 1967 waqt żjarat li għamlet f'Malta u Għawdex. Id-darbtejn li huma segwiet l-istess rotta tal-1951.

Fl-1954, wara li l-koppja rjali flimkien ma' wliedhom ġew mogħtija merħba kbira mill-poplu Xewki fi Pjazza San Ġwann Battista, l-Arċipriet Grech, b'tifkira tax-Xewkin vittmi tal-gwerra poġġa fil-preżenza tar-Reġina, kuruna quddiem il-monument tal-gwerra li nsibu fil-Belt Victoria.

Fl-1967 il-koppja rjali ngħatat merħba fil-pjazza. Dakinhar it-toroq ġew imżejna bi bnadar, pavaljuni, stemmi u ritratti tal-koppja rjali fost oħrajn. Dakinhar l-Arċipriet Grech kien offra lir-Reġina ritratt tar-Rotunda u s-Sur Frans Zammit Haber offra żewġ fliexken ta' għasel pur. Il-Banda Prekursur ukoll tat is-sehem tagħha b'marċi allegrużi waqt li t-tfal laqgħu lill-koppja bit-tixjir ta' bnadar żgħar.